ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 17 IT-TNEJN 4 TA' LULJU 2016**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar it-Tnejn 4 ta' Lulju 2016 fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (TMIEN Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina (attenda fis-6.45pm), Ralph Puli, Bjorn Azzopardi (attenda fis-6.40pm), Renald Falzon, Robert Reno Cremona, Martina Brancaleone, u Marvin Zammit. L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ infurmana li ma setax jattendi minħabba li kellu impenji ta' studju.

Il-Kunsilliera Antoine Saliba Haig u Joseph Aquilina infurmaw lis-Segretarju Eżekuttiv li ma setgħux jattendu għal-laqgħa peress li kienu se jkunu msefrin. Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia informa lis-Segretarju Eżekuttiv li ma setax jattendi minħabba li kien imsiefer fuq xogħol relatat mal-Kumissjoni Ewropea. Il-Kunsill aċċetta r-raġunijiet ta' dawn il-kunsilliera u għaldaqstant ġew skużati.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt tal-Kunsill.

**17/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 16**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 16 li nżammet nhar it-Tnejn 13 ta' Ġunju 2016, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Renald Falzon issekonda l-mozzjoni għall-**

**approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Sitt** Kunsilliera (6) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 16 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**17/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET**

**17/02/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-monument li kien ġie ppropost fis-seduta ta' qabel kien se jsir għall-mibki Indrin Brincat u mhux għal Ċikku Degiorgio. Il-Kunsill irrikonferma d-deċizjoni tiegħu meħudha fis-seduta preċedenti biex japprova li jagħti permess lill-familjari ta' dan l-għannej biex il-monument isir fi Ġnien Federico Maempel u l-Kunsill japplika għall-permessi tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

**17/02/02** **F'dan l-istadju tal-laqgħa attenda l-Kunsillier Bjorn Azzopardi**

**17/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat li l-laqgħa mal-Kumitat Festi Estern San Ġorġ Martri dwar il-Mitħna se ssir nhar il-Ħamis 7 ta' Lulju 2016 fit-8.00am fejn l-kunsilliera huma mistiedna li jattendu.

**17/02/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill wara li hija attendiet għaċ-ċerimonja tal-għoti tal-Premju Nazzjonali għall-Intrapriża hija ħarġet bi protesta minn din is-serata peress li ħasset li l-Kunsill Lokali Ħal Qormi ma ġiex trattat b'dinjita' fejn bil-kemm issemma li pparteċipa. Għaldaqstant hija se tkun qed tibgħat lura ċ-ċertikat ta' parteċipazzjoni li rċevejna bil-posta biex issostni dan il-punt. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din id-deċiżjoni.

**17/02/05** **F'dan l-istadju tal-laqgħa attenda l-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina.**

**17/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill dwar l-istedina biex il-Kunsill Lokali jipparteċipa fil-Kompetizzjoni fil-European Mobility Week. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ipproponiet li l-Kunsill jippreżenta proġett fejn jingħata servizz ta' *City Cab* li jkun jikkonsisti b'xiri ta' vettura li taħdem bl-elettriku u l-Kunsill ikun qed jipprovdi servizz fil-*peak hours* lil min jagħmel użu mill-*Park and Ride* tal-Marsa kif ukoll li jingħata servizz soċjali lil anzjani li jkunu jridu jmorru f'postijiet pubbliċi bħaċ-Ċentru tas-Saħħa u *Day*

*Centre*. **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ippropona proġett li jiċċentiva l-użu tar-roti billi jiġi pprovdut sussidju lil min jixtri rota. Il-Kunsill għandu jivverifika dwar il-fattibilita' ta' dawn iż-żewġ proġetti u xi proġetti oħrajn li jistgħu jiġu pproposti qabel ma ssir l-applikazzjoni.

17/02/07 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li se ssir laqgħa organizzata minn Transport Malta dwar il-ħruq tan-nar tal-festa ta' San Sebastjan li din is-sena kienu qed jipproponu li jaħarqu minn post differenti. **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** xtaq jirreġistra l-preokkupazzjonijiet tiegħu li f'dan il-post il-ġdid se jkun viċin ta' uffiċċini li jkun hemm jaħdmu ammont sostanzjali ta' ħaddiema. **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** ippreċiża li l-liġi tippermetti dan il-ħruq sakemm ikun hemm distanza indikata fil-liġi minn numru ta' residenzi u kompla li dan il-punt li ressaq il-kunsillier Azzopardi mhuwiex fil-kompetenza tal-Kunsill iżda tal-Pulizija ladarba l-permess għall-ħruq tan-nar joħroġ minnhom.

17/02/08 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li bħalissa għaddej xogħol ta' manutenzjoni u tisbiħ fil-wied, bejn il-pont ta' Triq il-Mitħna u l-pont ta' Triq Correa. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** kompliet li dan ix-xogħol se jkun qed isir mill-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura wara talba li ressaq il-Kunsill. Dan ix-xogħol se jinkludi wkoll bdil tal-bankina fi Triq il-Mitħna kif ukoll fi Triq il-Wied (faċċata tal-klabb tal-Boċċi). **Is-Sindku Rosianne Cutajar** kompliet ukoll li għandu jsir tisbiħ fil-parti bejn iċ-ċimiterju u l-piċċ tal-futbol biex jinqata' l-abbuż ta' tpoġġija ta' *containers*.

## 17/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' ĠUNJU 2016

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Ġunju 2016, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Ġunju 2016
**b)** *Bank Payments* Ġunju 2016
**c)** *Petty Cash* Ġunju 2016

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur Tmien** Kunsilliera (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**17/04 MOZZJONIJIET**

**17/04/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat li ma kienx hemm mozzjonijiet għad-diskussjoni.

**17/05 RAPPORTI**

**17/05/01 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV 2015**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv biex iressaq ir-Rapport Annwali Amministrattiv għall-approvazzjoni. **Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** spjega li dan ir-rapport jikkonsisti fil-ħidma tal-Kunsill għas-sena 2015 li matulha spiċċat is-sitt leġislatura u bdiet is-seba' waħda. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jispjega li r-rapport annwali amministrattiv jirrifletti wkoll l-infiq u d-dħul irrapurtat fir-Rapport tal-Awditur u li ġie approvat preċedentament mill-Kunsill.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex jiġi approvat r-Rapport Annwali Amministrattiv 2015.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Tmien (8) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni u għaldaqstant ir-Rapport Annwali Amministrattiv ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.**

**DOK 'B'**

**17/05/02 APPROVAZZJONI ABBOZZ TA' BYE-LAW DWAR ATTIVITAJIET FIL-PJAZZA QUDDIEM IS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-ĦLAS**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv biex iressaq abbozz tal-Bye-Law dwar attivitajiet fil-pjazza ta' quddiem is-santwarju tal-Madonna tal-Ħlas. **Is-**

**Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** spjega li permezz ta' din il-Bye-Law il-Kunsill se jkun jista' jitlob ħlas biex isiru attivitajiet f'din il-pjazza. **DOK 'C'**

Is-Segretarju kompla jispjega li f'dan l-istadju l-Kunsill se jkun qed jressaq japprova l-abbozz li xorta jkun jeħtieġ li jitressaq f'seduta oħra għad-diskussjoni u l-approvazzjoni finali fejn jsiru avviżi fil-gazzetti biex min hu interessat jattendi għal din il-laqgħa. Il-Il-Kunsill qabel unanimament li r-rata ta' ħlas għall-attivitajiet maġġuri jkun ta' Eur500.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex jiġi approvat l-abbozz bl-ammenda msemmija hawn fuq sabiex il-Kunsill jipproċedi bin-notifiki pubbliċi kif titlob il-liġi qabel ma tintbagħat għall-approvazzjoni tal-Ministru.

**Il-Kunsillier Robert Cremona** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Tmien (8) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni.**

**17/05/03 RAPPORT TAL-AĠĠUDIKAZZJONI TAL-OFFERTI TAL-KIRI TAL-GABBANA FI ĠNIEN DE LA CRUZ**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** li kienet ukoll ic-Chairperson fuq il-Bord tal-Aġġudikazzjoni ressqet ir-rapport li kien jaqra hekk:

Is-sejħa għall-offerti dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern 6 ta' Mejju 2016, kif ukoll fil-Gazzetta Lokali ta' nhar il-Ħamis 8 ta' Mejju 2016, liema sejħa għalqet nhar il-Gimgha, 10 ta' Ġunju 2016 fil-12.00pm.

Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet fil-10 ta' Ġunju 2016, mis-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat, fil-preżenza tal-Kunsillier Ralph Puli u l-Kunsillier Renald Falzon.

Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva tlett offerti biss:

| **Isem** | **€** |
|---|---|
| Maria Paula Bugeja Lucas | 4000 |
| Kevin Francica | 4000 |
| Gilbert Buhagiar | 2,111.50 |

Il-Bord, kompost mis-Sindku Rosianne Cutajar, Ralph Puli, u Marvin Zammit Itaqa' biex jiddiskuti dawn l-offerti.

Il-Bord innota li peress li l-ewwel żewġ offerti kienu tal-istess valur, ġie deċiż biex il-Bord flimkien ma' kunsilliera interessati jiltaqa' magħhom. Wara li l-Bord iltaqa' maż-żewġ offerenti bl-għola offerta, l-offerent Maria Paula Bugeja Lucas uriet interess li tixtri l-forn li kien jinsab fil-gabbana filwaqt li s-Sur Francica ma kienx interessat. Sakemm mal-Bord reġa iltaqa' biex jiddeċiedi, is-Sur Francica irtira l-offerta tiegħu. Għaldaqstant, il-Bord irrakkomanda li l-offerta tingħata lill-għola offerent, Maria Paula Bugeja Lucas.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex il-Kunsill jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-Bord u għaldaqstant għandha tinħareġ l-ittra ta' aċċettazzjoni lil Maria Paula Bugeja Lucas għall-kirja tal-gabbana fi Gnien De La Cruz għas-somma ta' Eur4,000 fis-sena għal perjodu ta' erba' snin.

**DOK 'D'**

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issekonda.

**Ivvutaw Favur** Tmien Kunsilliera (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva l-mozzjoni u għaldaqstant fil-ġranet li ġejjin għandu jiġi ffirmat l-kuntratt.**

**17/05/04 RAPPORT TAL-AĠĠUDIKAZZJONI TAL-OFFERTI TA' XIRI TA' VANN (SECOND HAND)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv iressaq ir-Rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li din l-offerta ħarġet bis-sistema tal-Electronic Public Procurement System fejn qed jiġi anness ir-rapport iġġenerat mis-sistema. **DOK 'E'**

Huwa kompla jispjega kien hemm żewġ offerti biss:

| **Isem** | **€** |
|---|---|
| AES | 8500 |
| Davico | 8898.31/ 9322.03 |

L-orħos offerta la kienet *administrative* u lanqas *technical compliant* filwaqt li t-tieni l-orħos offerta kienet *administrative* u *technical compliant*. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dan l-offerent għamel żewġ *options* fejn *Van Partner* bil-prezz ta' Eur8898.31 u *Van Partner Tepee* bil-prezz ta' Eur 9,322.04. Il-Bord irrakkomanda li tintagħżel l-offerta ta' Davico peress li hija *administrative* u *technical compliant* u s-somma hija *within budget*.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex il-Kunsill jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u tintagħżel l-option tal-*Van Partner Tepee* bil-prezz ta' Eur9,322.04 mingħand *Davico*.

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Tmien (8) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni.**

**17/06 KORRISPONDENZA**

**17/06/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar:

**DOK 'F 1-5'**

1. Dwar korrispondenza mis-Soċjeta Filarmonika Pinto dwar Jum Hal Qormi 2016, il-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni tal-baned biex kulħadd għandu jimxi mal-kuntratt u li għandu jkun hemm 20 bandist kif imsemmi fl-istess kuntratt.

2. Ittra minn resident biex titneħħa road hump ta' Triq l-Isqof Caruana. Il-Kunsill ma qabilx ma' din it-talba peress li proprju f'din il-parti tat-triq hemm skola tad-drama u żfin li fiha jattendu numru ta' tfal u żgħażagħ u għaldaqstant din ir-road hump hija essenzjali biex trażżan is-sewqan eċċessiv. Barraminnhekk, il-Kunsill innota li din ir-road hump mhux qegħda quddiem il-bieb ta' dan ir-resident.

3. Ittra minn resident dwar bżonn ta' patching fi Triq il-Ħammieri. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li x-xogħol huwa ordnat ghal dik il-ġimgħa stess.

4. Stedina dwar quddies ta' radd il-Ħajr. Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jagħti rikonoxximent lil dawn

is-saċerdoti Qriema li għadhom kif ħadu is-sagrament f'dawn il-ġranet.

5. Dwar korrispondenza minn DigMalta, il-Kunsill approva li jissieħeb iżda irid jara kif din il-websajt se tkun qed taħdem qabel ma jikkometti ruħu.

6. Dwar il-korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-EloGE *(European Label of Governance Excellence),* il-Kunsill qabel unanimament li se jkun qed iħejji r-rapport meħtieġa biex il-Kunsill jkun jista' jikkwalifika għal din il-*label*.

**17/07 INFORMAZZJONI**

**17/07/01** **Il-Kunsillier Marvin Zammit** ressaq talba biex il-bankina li hemm fi Triq il-Wied ħdejn il-klabb tal-Boċċi li hija wiesgħa u fuqha jipparkjaw il-vetturi titpoġġa tabella li turi li jistgħu jipparkjaw il-vetturi peress li l-gwardjani lokali qegħdin iħarrku lil min jipparkja hemm. Il-Kunsill qabel *nem.con.*

**17/07/02** **Il-Kunsillier Ralph Puli** irrimarka li fi Triq Anici ma' Triq il-Kbira qed ikun hemm sewqan eċċessiv u abbużi oħrajn bil-vetturi. Huwa ippropona li jkun hemm raised centre strip fil-parti li hija miżbugħa bl-aħmar. Il-Kunsill qabel *nem.con* u se jressaqha għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

**17/08 AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar aġġornat il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 8 ta' Awwissu 2016 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:05 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Iffirmati** | **iffirmati** |
| Rosianne Cutajar<br>Sindku | Kenneth Brincat<br>Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum **<u>it-Tnejn, 8 ta' Awwisu</u>** 2016.